MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2004

Numru 577/2001

Il- Pulizija
(Spettur Paul Bond)

VS

Thomas Cortis

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Thomas Cortis ta' 46 sena bin Anthony u Maria mitwielda Camilleri imwieled Haz Zebbug fil- 31 ta' Awissu 1958 u joqghod 'Frances Hse', Amletu Spiteri Street, Qormi. I.D. Card No: 601658 (M),

Talli fis- 6 ta' Jannar 2000 u matul is- snin precedenti bhala detenur tal- fond 'Frances Hse', Amletu Spiteri Street, Qormi, b' diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozzizjoni tal- Ligi u li gew mghamula b' rizoluzzjoni wahda, kisser il-

gumni tas- servizz elettriku cioe’ tal- meter tad- dawl installat fl- imsemmi fond u b’ mezzi qarrieqa sabiex ikollu l- uzu jew il- konsum elettriku, jew li bihom seta’ jwaqqaf jew ibiddel il- kejl jew markar fl- istess meter tal- kwantita mehuda jew ikkunsmata ikkommetta serq tal- kurrent elettriku li l- valur tieghu jaccedi il- LM 100 (mitt Lira Maltin) izda anqas minn LM 1000 (elf Lira Maltin) liema serq hu aggravat bil- mezz valur u hin ghad- dannu tal- Korporazzjoni Enemalta.

Barra minn dan akkuzat ukolli talli, matul l- istess perjodu ikkaguna hsara volontarja fl- istess meter, liema hsara tammonta ghal- LM 6 (sitt Liri Maltin) ghad- dannu tal- Korporazzjoni Enemalta.

Rat in- nota tal- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezjonax illi il- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat l- atti u id- dokumenti kollha.

Ikkunsidrat.

1. Il- meter in kwistjoni twahhal f’ Jannar 1976, meta l- akkuzat ma’ kellux pussess tal- fond. Mill- 1990 l- akkuzat dahal bhala l- konsumatur. Fis- 6 ta’ Jannar elfejn (6.01.00) ix- xhieda Raymond Bugeja u Charles Pace ghamlu ispezzjoni ghall- gharrieda fuq il- post. Dan il- meter ma inbidel qatt minkejja li l- fond ghadda minn diversi idejn, qatt ma gie ezaminat, dejjem gie moqri u dejjem gie mhallas. Is- sigilli tal- kaxxa tas- servizz lewn isfar bdew jintuzaw mill- Enemalta fl- 1986. Il – qeghda tas- sigilli tal- bazi fil- bicca ta’ isfel kienu maghfusa imma dan kien isir minn min kien responsabbli ghall- habta tal- 1985 ghas- servizz tad- dawl u ilma.

2. Jirrizulta li l- cover tal- meter kien imtaqqab in- naha ta’ fuq u kellu diametru ta’ tlett millimetri. Din it- toqba skond l- espert tekniku kienet saret zmien qabel is- sena

elfejn u l- metall kien immattja. Gewwa kien hemm fdalijiet suwed, indikazzjoni li kien jiddahhal xi oggett gewwa l- meter u l- fdalijiet kienu fdalijiet tat- tertuqa.

3. Ix- xhud Silvio Decelis fisser id- diskrepanzi li sab fosthom u din favur l- akkuzat “li l- meter hazin, l- imtaqqab qed jirrizulta konsum ghola minn dak li attwalment jimmarka l- meter li huwa tajjeb” Fisser ukoll fid- dettall id- diskrepanzi kontra l- akkuzat. Xhieda ta’ bniedem li jaf l- affarjiet tieghu u li x- xhieda minnu mghotija hi ta’ sura li il- Qorti tista’ tistrieh fuqha

4. Tirrizulta hsara ta’ sitt liri Maltija (Lm6)

5. L- akkuzat xehed quddiem il- Qorti li mhux dejjem jghix fil- fond. “….ghax ghandi razzett u gieli mmorru nghamlu xahar noqghodu hemm. Ir- razzett ilma ma ghandniex u gieli kien hemm perjodu forsi tad- dawl naqra izjed jew naqra anqas ghax tuza l- ilma”. Din it- tifsira ta’ x’ seta gara ma qaliex ‘ a tempo vergine’ quddiem il- perit tekniku. Il- Qorti semghetu jixhed mill- pedana u bl- ebda mod ma tista’ temmnu f’ dak li jghid.

6. L- art. 264 (2) jghamel prezunzjoni f’ kaz ta ksur ta’ kannen, fili jew gummi u meters. Il- gurisprudenza tghallem li “hu evidenti li dan is- subartikolu johloq prezunzjoni ta’ dolo “juris tointum” li ghandha tipprevali jekk ma jigix pruvat il- kuntrarju.” (Il- Pulizija vs Michael Attard, 12/02/1993, Il- Pulizija vs Bajone, 11/10/1984, Il- Pulizija vs Edwin Scicluna, 22/9/1993 u ohrajn).

7. L- akkuzat ma rnexxielux jegheleb il- prezunzzjoni imsemmja u l- prosekuzzjoni ppruvat l- akkuzi.

Ghalekk il- Qorti ssib lill- akkuzat hati.

Rat l- art. 261, 264 (1) (2), 322 (f) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Billi mill- kondotta ta’ l- akkuzat ma jirrizultawx hwejjeg ta’ entita gravi ser tapplika l- art. 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Ghalekk fil- waqt li ssibu hati tar- reati taht l-art fuq imsemmija tilliberah taht il- provedimenti ta’ l- art 22 tal- Kap 446 b’ dan li ma jghamilx reat iehor fi zmien sentejn mill- llum. Tordna li jhallas lill- Enemalta l- ammont ta’ Lm 153.43 (Lm 147.43 + Lm 6 serq ta’ konsum u hsara) fi zmien tlett xhur millum b’ rati ta’ kull xahar. Il-Qorti qed tfisser lill- hati l- import ta’ din is- sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------